7. Illi Nadienne Sacco (KI 217472M) ma resqitx biex tiffirma l-konvenju u għal dan il-għan sar konvenju ieħor fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) max-xerrej David Zahra (KI 139291M) sabiex ukoll it-terminu tal-konvenju jiġi estendit sal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta u għoxrin (2026) (hawn anness u immarkat bħala 'Dok. D'), bil-pattijiet u kundizzjonijiet murija fl-istess konvenju, debitament iffirmat mir-rikorrenti;

8. Illi l-intimata komproprjetarja dissidenti naqset milli tiftiehem dwar il-bejgħ ta' din il-Fond;

9. Illi kif jidher mir-rapport peritali redatt mill-Perit James Bonnici Camilleri, li kopja tiegħu hija hawn annessi bħala 'Dok. A', il-valur tal-fond intier skont is-suq huwa ta' ċirka seba' mija u sittin elf ewro (€760,000);

all its rights and appurtenances, free and unencumbered, with vacant possession, as better shown on the site plan as shown in the report of the Architect, here attached and marked as 'Doc. A' (hereinafter referred to as 'the premises';

3. That this premises is the property of:

i) Eugenio Chetcuti (ID 331560M), Raymond Sacco (ID 730759M) and Simon Charles Sacco (Maltese passport number MT220836) who between them own 75% undivided share,

ii) Nadienne Sacco (ID 217472M) which owns 25% undivided share;

4. That this premises, was the property of the spouses Moses and Lorenzo Sacco, who died on the thirtieth (30) of December two thousand and nineteen (2019) and on the seventeenth (17) of October two thousand and seventeen (2017) respectively, and today belongs to the plaintiffs and the respondent as described in the Annex prospect ('Doc. B');

5. That thus this property has been held in common for more than three (3) years. That furthermore there is no cause regarding the partition of the same premises before any Tribunal or competent Court of the country;

6. That by means of a preliminary agreement of the twenty ninth (29) of January of the year two thousand and twenty five (2025), the applicant Eugenio Chetcuti (ID 331560M), Raymond Sacco (ID 730759M) and Simon Charles Sacco (Maltese passport number MT220836) undertook to sell the premises to Daniel Zahra (ID 139291M) for the price of seven hundred and fifty thousand euro (€750,000) and this under the terms and conditions stipulated in the same preliminary agreement (here attached and marked as 'Doc. C');

7. That Nadienne Sacco (ID 217472M) did not come forward to sign the preliminary agreement and for this purpose another preliminary agreement was made on the twenty-first (21) of October of the year two thousand and twenty-five (2025) with the purchaser David Zahra (ID 139291M) so that also the term of the preliminary agreement is extended till the thirty-first (31) of July of the year two thousand and twenty-six (2026) (here attached and marked as 'Doc. D '), on the terms and conditions set out in the same promise of sale agreement, duly signed by the applicant;

8. That the dissident co-owner failed to agree on the sale of this premises;

9. That as appears from the architect's report drawn up by Architect James Bonnici Camilleri, a copy of which is hereby attached as 'Doc. A', the value of the entire premises according to market is approximately seven hundred and sixty thousand euro (€760,000);

10. Illi l-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija hija ta' benefiċċju għal kull koproprjetarju tal-istess proprjetà u ħadd mis-sidien mhu sejjer jiġi ppreġudikat gravament bil-bejgħ tagħha, b'dan illi kemm il-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-bejgħ huma ġusti u skont ir-regoli tas-suq;

11. Illi peress li l-intimata ma tridx tbigħ il-Fond għalhekk ir-rikorrenti, bħala koproprjetarji, m'għandhomx il-kunsens u l-aderixxenza tagħha għal dan il-bejgħ, ir-rikorrenti qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors a tenur tal-Artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

12. Illi għal kull bon fini qed jiġu annessi l-affidavits ta' Affidavit ta' Eugenio Chetcuti (KI 331560M) u Raymond Sacco (KI 730759M) (immarkati 'Dok. E' u 'Dok. F' rispettivament).

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi prevja d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u wara li ngħataw il-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara illi jissussistu l-elementi kollha stipulati fl-artikolu 495A tal- Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-bejgħ tal-Fond jista' jsir hekk skont kif patwit u li għaldaqstant hija sodisfatta li l-komproprjetarja dissidenti mhijiex se tkun gravament ippreġudikata b'dan il-bejgħ;

2. Tordna u tawtorizza l-bejgħ tal-Fond fuq imsemmi, skont ix-xewqa tar-rikorrenti li huma l-akbar għadd ta' komproprjetarji, għal prezz u kundizzjonijiet pattwiti fil-konvenju ffirmat u rreġistrat, hekk kif ukoll emendat, kif hawn fuq ingħad, fil-ħin, jum u lok li din il-Qorti Onorabbli jogħġobha tordna u tiffissa, liema data preferibbilment għandha tkun entro t-terminu imsemmi fl-istess konvenju u ċoè qabel il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta u għoxrin (2026);

3. Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dott. Gareth Micallef Tortell, jew fin-nuqqas li dan ikun jista', nutar ieħor skont il-każ, sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv u kwalunkwe att ieħor relattiv;

4. Taħtar u tawtorizza, jekk ikun il-każ, kuraturi sabiex jidhru fuq l-att finali ta' trasferiment ossija bejgħ f'isem min mill-kopropjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar pubbliku fuq imsemmi għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment u tordna u tawtorizza li mir-rikavat mill-prezz dovut lilhom fuq il-kuntratt jitnaqqsu l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis li talvolta tkun neċessarja sabiex isir it-trasferiment ta' sehemhom, it-taxxi relattivi dovuti minnhom u l-ispejjeż kollha dovuti inkluż dawk tal-kuraturi deputati stess u l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri;

10. That the sale of the property above mentioned is beneficial to every co-owner of the same property and none of the owners will be seriously prejudiced by its sale, provided that both the price and the conditions of sale are fair and according to market rules;

11. That since the respondent does not want to sell the premises thus the applicants, as co-owners, do not have her consent and adherence to this sale, the applicants are filing this application in terms of Article 495A of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta);

12. That for all intents and purposes the affidavits of affidavit of Eugenio Chetcuti (ID 331560M) and Raymond Sacco (ID 730759M) (marked 'Doc. E' and 'Doc. F' respectively) are being attached.

Thus, the applicants respectfully pray this Honourable Court that saving all the necessary declarations and after the opportune provisions were given, this Honourable Court for the reasons above mentioned:

1. Declare that there exist all the elements stipulated in Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta so that such sale of the premises may be made as agreed and thus it is satisfied that the dissident co-owner will not be seriously prejudiced by such sale;

2. To order and authorise the sale of the premises above mentioned, according to the wishes of the applicants who are the largest number of co-owners, for the price and conditions agreed in the preliminary agreement signed and registered, as well as amended, as above mentioned, at the time, day and place that this Honourable Court deems fit to order and fix, which date should preferably be within the term mentioned in the same preliminary agreement and namely before the thirty-first (31) July of year two thousand and twenty-six (2026);

3. Appoint Notary Public Dr Gareth Micallef Tortell, or in default of his ability, another notary as the case may be, to publish the relative public deed and any other relative deed;

4. Appoint and authorise, if any, curators to appear on the final deed of transfer or rather sale in the name of whom the co-owners fail to appear before the notary public above mentioned for the publication of the contract of transfer and order and authorise that from the proceeds from the price due to them on the contract the expenses related to any contract of declaration causa mortis which may be necessary in order to effect the transfer of their share, be deducted, the relative taxes due by them and all the expenses due including those of deputy curators themselves and the expenses related to these procedures;

5. Tagħti kull ordni u direttivi li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata, koproprjetarja dissidenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 12/2026MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika intimat: Nadienne Sacco (217472M), 3, Arcades, Triq Ġwann Zammit, Ħal Safi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Give any order and directives it deems fit and opportune in the circumstances.

With all costs against the respondent, the dissident co-owner.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 12/2026MH in the names mentioned above is postponed to 16th November, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Nadienne Sacco (217472M), 3, Arcades, Triq Ġwann Zammit, Ħal Safi

Registry of the Superior Courts, today 3rd November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2913

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Mejju, 2025, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 436/2025JPG, fl-ismijiet: Joanna Agius et vs l-Avukat Dott. Mattia Felice noe ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Joanna Agius ta' 3, Triq Gio Felice Inglott, Pembroke, detentriċi tal-karta tal-identità numru 464467M; Maria Louisa sive Marisa Buhagiar ta' 1, Trejqet Għar Berbaħ, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-identità' numru 550264M; Susanna Toumi ta' Portlaoise, l-Irlanda, detentriċi tal-karta tal-identità numru 335172M; Antonia sive Tania Sciberras ta' 68, Coral Court, Flat 6, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identità' numru 060265M; Mario Gauci ta' 18, Lucienne, Flat 2, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità numru 015267M; Dorianne Vella ta' 101, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Il-Mellieħa, detentriċi tal-karta tal-identità numru 469771M; Carmelo Bianco ta' 22, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità numru 574951M; Eucharista sive Christina Gauci ta' Bonsai, Flat 2, Triq il-Wileġ, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta tal-identità numru 077643G, vs l-Av. Dott. Mattia Felice u PL Veronica Rossignaud bħala nominati kuraturi deputati b'digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2025, sabiex jirrappreżentaw: 1) lill-persuna estera Raymond Farrugia (passaport Kanadiż numru GL742847) ta' 34, Wexford Avenue, London Ontorio, N5V1L7; 2) lill-persuna estera Simon Farrugia (passaport Kanadiż numru HM555053) ta' 26, Winder Grove N, London Ontorio, Il-Kanada, N6K4K6; u 3) lill-eredi mhux magħrufa ta' Carmel Farrugia ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th May, 2025, in the records of Sworn application number 436/2025JPG, in the names: Joanna Agius et vs Advocate Dr Mattia Felice noe the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Joanna Agius of 3, Triq Gio Felice Inglott, Pembroke holder of identity card number 464467M, Maria Louisa sive Marisa Buhagiar of 1, Trejqet Għar Berbaħ, St Paul's Bay, holder of identity number 550264M; Susanna Toumi of Portlaoise, Ireland, holder of identity card number 335172M; Antonia sive Tania Sciberras of 68, Oral Court, Flat 6, Triq il-Porzjunkola, St Paul's Bay, holder of identity card number 060265M; Mario Gauci of 18, Lucienne, Flat 2, Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, holder of identity card number 015267M; Dorianne Vella of 101, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, holder of identity card number 469771M; Carmelo Bianco of 22, Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, holder of identity card number 574951M; Eucharista sive Christina Gauci of Bonsai, Flat 2, Triq il-Wileġ, Qawra, St Paul's Bay, holder of identity card number 077643G, vs Adv. Dr Mattia Felice and PL Veronica Rossignaud as deputy curators by decree of this Court dated 30th May, 2025, to represent: 1) the foreign person Raymond Farrugia (Canadian passport number GL742847) of 34, Wexford Avenue, London Ontorio, N5V1L7; 2) to the foreign person Simon Farrugia (Canadian passport number HM555053) of 26, Winder Grove N, London Ontorio, Canada N6K4K6; and 3) to the unknown heirs of Carmel Farrugia filed in the Civil Court, First Hall, on the 2nd May, 2025, the applicants respectfully pray:

1. Illi dan huwa rikors rigwardanti l-fond li kollettivament huwa magħruf bin-numru tnejn u għoxrin (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar. Dan il-fond għandu il-ġnien u l-garaxxijiet anness;

2. Illi l-partijiet kollha huma lkoll propjetarji tal-fond ossija d-dar bil-ġnien u l-garaxxijiet annessi bin-numru tnejn u għoxrin (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, bil-pussess vakant, kif aħjar muri fuq is-site plan hawn anness u mmarkat Dok. A;

3. Illi dan il- fond huwa maqsum:

i) porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka ħamsa punt ħamsa qasab kwadri (5.5qk) ekwivalenti għal erbgħa u għoxrin punt wieħed ħamsa metri kwadri (24.15m.k.) jew kwalunkwe kejl ieħor iżjed verjuri, sitwata ground floor level u bl-arja nkluża ad usque ad coelum u bis-sottoswol inkluż ad usque ad inferos kontrata 'Tal-Erba' Mwieżeb' fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar u tmiss mill-Punent mat-triq u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew irjieħ iżjed verjuri, liema art għandha sservi għal taraġ li jagħti aċċess għall-arja liema arja tifforma parti minn din il-proprjetà li fil-passat kienet sovrapposta għal ħanut, kċina warajh u kamra maġenbu, beni ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu sitwata first floor level bl-arja sovrapposta inkluża ad usque ad coelum, liema arja testendi fuq il-livell intier tal-imsemmija porzjoni diviża ta' arja però in maġġior parti sovrappost għal beni tal-konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka tnejn u għoxrin qasba kwadra (22qk) ekwivaleti għal sitta u disgħin punt sitta metri kwadri (96.6mk) jew kwalunkwe' kejl ieħor iżjed verjuri u korrett konfinanti mill-punent u tramuntana ma' toroq pubbliċi u mill-irjieħ l-oħrajn ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu jew irjieħ iżjed verjuri, kollox fil-kontrada 'Tal-Erba' Mwieżeb', San Pawl il-Baħar, Malta, liema porzjonijiet diviżi ta' arja jiffurmaw parti integrali mill-fond urban akbar li għandi diversi entraturi uffiċjalment enumerati bin-numru uffiċjali tnejn u għoxrin (22), ġja numru disgħa ittra 'A', tlieta u għoxrin (23) ġja numru disgħa ittra 'B' (9B), erbgħa u għoxrin (24) ġja numru disgħa ittra 'C' (9C) u ħamsa u għoxrin (25) ġja numru disgħa ittra 'D', fi Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, kollox proprjetà waħda u konsistenti f'diversi kmamar, garaxx, ġonna retroposti kienu jappartejnu lil Rosaria Agius, li mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru, 2024, u li s-suċċessjoni tagħha ddevolviet fuq uliedha Joanne Agius, Maria Louisa sive Maria Buhagiar u Susanna Toumi, ilkoll rikorrenti,

ii) Joanna Agius (KI 464467M), Maria Louisa sive Marisa Buhagiar (KI 550264M), Susanna Toumi (KI 335172M), Antonia sive Tania Sciberras (KI 060265M), Mario Gauci (KI 015267M), Dorianne Vella (KI 469771M), Carmelo

1. That this is an application regarding the premises which collectively is known with number twenty two (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay. This tenement has the garden and garages attached;

2. That all the parties are owners of the premises or rather the house with the annexed garden and garages with number twenty two (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, with vacant possession, as better shown on the site plan hereby attached and marked Doc. A;

3. That this premises is divided:

i) divided portion of land measuring circa five point five square canes (5.5c²) equivalent to twenty four point one five square metres (24.15m²) or any other more precise measurement, situated ground floor level and with the airspace included ad usque ad coelum and with the subsuol including ad usque ad inferos contrata Tal-Erba' Mwieżeb in the limits of St Paul's Bay and bounded on the west by the road and bounded on the north by all other with property of the successors in title of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or more precise boundaries, which land is to serve as a staircase giving access to the airspace which forms part of this property which in the past was overlying the shop, kitchen behind it and adjacent room, property of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or successors in title situated first floor level with overlying airspace including ad usque ad coelum which airspace extends on the whole level of the said portion divided of airspace but in major part overlying property of spouses Farrugia or successors in title, measuring superficially about twenty two square canes (22c²) equivalent to ninety six point six square metres (96.6 m²) or any other more precise and correct measurements bounded on the west and north by public roads and other boundaries by property of successors in title of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or successors in title or more precise boundaries, all in the vicinity of 'Tal-Erba' Mwieżeb', St Paul's Bay, Malta, which divided portions of airspace form an integral part of the larger urban premises which have several entrances officially numbered twenty two (22), previously numbered nine letter 'A', twenty three (23) previously numbered nine letter 'B' (9B), twenty four (24) previously numbered nine letter 'C' (9C) and twenty five (25) previously number nine letter 'D', in Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, all one property consisting of various rooms, garage, back gardens belonged to Rosaria Agius, who died on the twenty ninth (29) of December, 2024, and whose succession devolved on her children Joanne Agius, Maria Louisa sive Maria Buhagiar and Susanna Toumi, all applicants,

ii) Joanna Agius (ID 464467M), Maria Louisa sive Marisa Buhagiar (ID 550264M), Susanna Toumi (ID 335172M), Antonia sive Tania Sciberras (ID 060265M), Mario Gauci (ID 015267M), Dorianne Vella (ID 469771M), Carmelo

Bianco (KI 574951M) u Eucharista sive Christina Gauci (KI 77643G), huma bejniethom proprjetarji fil-persentaġġ ta' 81.190% rigwardanti mill-fond bin-numru tnejn u għoxrin (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, Malta, inkluż il-ġnien u l-garaxxikjiet annessi esklużperò porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka ħamsa punt ħamsa qasab kwadri (5.5qk) ekwivalenti għal erbgħa u għoxrin punt wieħed ħamsa metri kwadri (24.15m.k.) jew kwalunkwe kejl ieħor iżjed verjuri, sitwata ground floor level u bl-arja nkluża ad usque ad coelum u bis-sottoswol inkluż ad usque ad inferos kontrata 'Tal-Erba' Mwieżeb' fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar u tmiss mill-Punent mat-triq u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew irjieħ iżjed verjuri, liema art għandha sservi għal taraġ li jagħti aċċess għall-arja, liema arja tifforma parti minn din il-proprjetà li fil-passat kienet sovrapposta għall-ħanut, kċina warajh u kamra maġenbu, beni ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu sitwata first floor level bl-arja sovrapposta inkluża ad usque ad coelum, liema arja testendi fuq il-livell intier tal-imsemmija porzjoni diviża ta' arja però in maġġior parti sovrappost għal beni tal-konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka tnejn u għoxrin qsab kwadri (22 qk) ekwivalenti għal sitta u disgħin punt sitta metri kwadri (96.6mk) jew kwalunkwe' kejl ieħor iżjed verjuri u korrett konfinanti mill-Punent u mit-Tramuntana ma' toroq pubbliċi u mill-irjieħ l-oħrajn ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio u Domitilla konjuġi Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu jew irjieħ iżjed verjuri, kollox fil-kontrada 'Tal-Erba' Mwieżeb', San Pawl il-Baħar, Malta. Dawn il-porzjonijiet diviżi ta' arja jiffurmaw parti ntegrali mill-fond urban akbar li għandi diversi entraturi uffiċjalment enumerati bin-numru uffiċjali tnejn u għoxrin (22), ġia numru disgħa ittra 'A', tlieta u għoxrin (23) ġja' numru disgħa ittra 'B' (9B), erbgħa u għoxrin (24) ġja numru disgħa ittra 'C' (9C) u ħamsa u għoxrin (25) ġja' numru disgħa ittra 'D', fi Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, kollox proprjetà waħda u konsistenti f'diversi kmamar, garaxx, ġonna retroposti,

iii) Ir-rimanenti persentaġġ fil-fond deskritt fil-para. (ii) supra jappartjeni lil Raymond Farrugia (passaport Kanadiż numru GL742847) f'persentaġġ ta' 7.61%, flimkien ma' dak ta' Simon Farrugia (passaport Kanadiż numru HM555053) f'persentaġġ ta' 7.61% kif ukoll lill-eredi ta' Carmel Farrugia f'persentaġġ ta' 6.24%;

4. Illi dan il-fond, hekk kif deskritt fil-paragrafi (ii) u (iii) tal-paragrafu 3 hawn iżjed 'il fuq huwa provenjenti lil partijiet mill-konjugi Antonio u Domitilla Farrugia li mietu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973) u fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), rispettivament, u l-ismha hekk kif illum jappartjenu lir-rikorrenti huwa deskritt fl-anness prospett (Dok. B) kif ukoll mal-prospett allegat mal-konvenju msemmi fil-paragrafu 9 iżjed 'il quddiem;

Bianco (ID 574951M) and Eucharista sive Christina Gauci (KI 77643G), are between them the owners of 81.190% regarding the tenement number twenty two (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, Malta, including the garden and annexed garages excluding but a divided portion of land measuring circa five point five square canes (5.5c²) equivalent to twenty four point one five square metres (24.15m²) or any other more precise measurement, situated ground floor level and with airspace including ad usque ad coelum and with subsuol including ad usque ad inferos counter to 'Tal-Erba' Mwieżeb' in the limits of St Paul's Bay and bounded on the west by the street and all other boundaries by property of the successors in title of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or more precise boundaries, which land is to serve as a staircase giving access to air which airspace forms part of this property which in the past was overlying the shop, kitchen behind him and adjacent room, property of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or successors in title situated first floor level with overlying airspace including ad usque ad coelum, which airspace extends on the whole level of the said divided portion of airspace but in majority part overlying property of spouses Farrugia or successors in title, measuring superficially circa twenty two square boxes (22c²) equivalent to ninety six point six square metres (96.6 m²) or any other more precise and correct measurement bounded on the west and north by public roads and other boundaries by property of the successors in title of Antonio and Domitilla spouses Farrugia or successors in title or more precise boundaries, all in the vicinity of 'Tal-Erba' Mwieżeb', St Paul's Bay, Malta. These divided portions of airspace form an integral part of the larger urban premises which have several entrances officially numbered official number twenty two (22), being number nine letter 'A', twenty three (23) previously number nine letter 'B' (9B), twenty four (24) previously number nine letter 'C' (9C) and twenty five (25) previously number nine letter 'D', in Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay, all one property consisting of several rooms, a garage, back gardens,

iii) The remaining percentage of the premises described in para. (ii) above belongs to Raymond Farrugia (Canadian passport number GL742847) as a percentage of 7.61%, together with that of Simon Farrugia (Canadian passport number HM555053) as a percentage of 7.61% as well as to the heirs of Carmel Farrugia as a percentage of 6.24%;

4. That this premises, as described in paragraphs (ii) and (iii) of paragraph 3 above is brought forward to parts of the spouses Antonio and Domitilla Farrugia who died on the twenty-first (21) of October of the year one thousand nine hundred and seventy-three (1973) and on the fifteenth (15) of September of the year one thousand nine hundred and eighty (1980), respectively, and the shares as they now belong to the applicant is described in the attached prospectus (Doc. B) as well as with the prospectus alleged with the preliminary agreement mentioned in paragraph 9 below;

5. Illi għalhekk din il-propjetà ilha tinżamm in komun għal iżjed minn tliet (3) snin;

6. Illi permezz ta' konvenju tat-tmienja (8) ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Joanna Agius fil-kapaċità personali tagħha kif ukoll bħala eżekutriċi testementarja ta' Victoria Bianco, kienet intrabtet għan-nom ta' Maria Louisa sive Marisa Buhagiar (KI 550264M), Susanna Toumi (KI 335172M), Antonia sive Tania Sciberras (KI 060265M), Mario Gauci (KI 015267M), Dorianne Vella (KI 469771M), Carmelo Bianco (KI 574951M) u tal-intimati, li tbigħ il-fond li kollettivament huwa magħruf bin-numru tnejn u għoxrin (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar. Dan il-fond għandu il-ġnien u l-garaxxijiet annessi, li sa dak iż-żmien kien maħsub li kien jappartjeni kollu kemm hu lil Victoria Bianco, lis-soċjetà Excel Investments Limited (C81721) verus il-prezz ta' tliet miljuni u sitt mitt elf ewro (€3,600,000) u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju;

7. Illi insegwitu tar-riċerki li saru, irriżulta illi effettivament dan l-istess fond ma kienx jappartjeni kollu kemm hu lil Victoria Bianco, iżda kien fil-fatt diviż fi tnejn, u ċoè parti diviża hekk kif deskritta fil-paragrafu 3(i) supra u parti oħra diviża hekk kif deskritta fil-paragrafi 3(ii) u 3(iii) supra;

8. Illi r-rikorrenti ma jixtiqux li jibqgħu fi stat ta' komunjoni u jixtiequ jbigħu kemm il-parti diviża hekk kif deskritta fil-paragrafu 3(i) supra kif ukoll il-parti diviża hekk kif deskritta fil-paragrafi 3(ii) u 3(iii) supra liema proprjetà hija komuni b'mod konġunt bejn il- kontendenti;

9. Illi għal dan il-għan sar konvenju ieħor mas-soċjetà Excel Investments Limited (C81721) bl-indirizz ta' reġistrazzjoni 72, Triq Mattia Preti, Ir-Rabat, Għawdex, għall-intier, bil-prezz ta' tliet miljun u sitt mitt elf ewro (€3,600,000) u bil-pattijiet u kundizzjonijiet murija fil-konvenju datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu, 2025, debitament iffirmat mir-rikorrenti u rreġistrat kopja tal-konvenju u reġistrazzjoni huma hawn anness u mmarkat Dok. C;

10. Illi l-ishma tal-kull kopropjetarju u s-sehem spettanti lil kull sehem tal-proprjetà deskritta fil-paragrafi 3(ii) u 3(iii) supra hija spjegat u kkonfermata bil-ġurament mir-rikorrenti fuq il-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

11. Illi inoltre ma hemm l-ebda kawża dwar il-qsim tal-istess propjetà quddiem xi Tribunal jew Qorti kompetenti tal-pajjiż;

12. Illi l-intimati komproprjetarji dissidenti naqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' din il-proprjetà partikolari bejniethom;

5. That thus this property has been held in common for more than three (3) years;

6. That by means of a preliminary agreement of the 8th March, 2023, the applicant Joanna Agius in her personal capacity as well as a testamentary executor of Victoria Bianco, had committed on behalf of Maria Louisa sive Marisa Buhagiar (ID 550264M), Susanna Toumi (ID 335172M), Antonia sive Tania Sciberras (ID 060265M), Mario Gauci (ID 015267M), Dorianne Vella (ID 469771M), Carmelo Bianco (ID 574951M) and of the respondents, who sells the premises collectively known as number twenty two (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, Saint Paul's Bay. This premises has the garden and garages attached, which up to that time was believed to have belonged entirely to Victoria Bianco, to the company Excel Investments Limited (C81721) for the price of three million six hundred thousand euro (€3,600,000) and this under the terms and conditions stipulated in the same preliminary agreement;

7. That following the searches carried out, it resulted that effectively this same premises did not belong entirely to Victoria Bianco, but was in fact divided into two, namely a divided part as described in paragraph 3 (i) above and another divided part as described in paragraphs 3 (ii) and 3 (iii) above;

8. That the applicants do not wish to remain in a state of co-ownership and wish to sell both the divided part as described in paragraph 3 (i) above as well as the divided part as described in paragraphs 3 (ii) and 3 (iii) above which property is jointly common between the parties;

9. That for this purpose another preliminary agreement was made with the company Excel investments Limited (C81721) with registration address 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Gozo, for the whole, at the price of three million six hundred thousand euro (€3,600,000) and with the terms and conditions shown in the preliminary agreement dated twenty-fourth (24) of March, 2025, duly signed by the applicant and registered a copy of the preliminary agreement and registration are hereby attached and marked Doc. C;

10. That the shares of each co-owner and the share pertaining to each share of the property described in paragraphs 3 (ii) and 3 (iii) above is explained and confirmed on oath by the applicants on the prospectus hereby attached and marked as Doc. B;

11. That furthermore there is no cause regarding the partition of the same property before any Tribunal or competent Court of the country;

12. That the dissident co-owners failed to agree on the sale of this particular property between them;

13. Illi l-valur tal-fond intier skont is-suq huwa ġust;

14. Illi l-bejgħ tal-propjetà fuq imsemmija hija ta' benefiċċju għal-kull kopropjetarju tal-istess proprjetà u ħadd mis-sidien ma hu sejjer jiġi preġudikat bil-bejgħ tagħha;

15. Illi peress li l-intimati ma jridux jaddevjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u għalhekk ma għandhomx il-kunsens u l-aderixxenza tagħhom għal dan il-bejgħ, ir-rikorrenti qegħdin flimkien jippreżentaw dan ir-rikors a tenur tal-artiklu 495A tal-Kap. 16. Tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti Onorabbli illi prevja id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u wara li ngħataw il-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara illi hija sodisfatta li l-komproprjetarji dissidenti ma humhiex se jkunu gravament ippreġudikati b'dan il-bejgħ;

2. Tawtorizza l-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija u hekk kif deskritta fil-paragrafi 3(ii) u 3(iii) supra inkluż kull sehem u interess li l-istess partijiet għandhom fil-fond li kollettivament huwa magħruf bin-numru tnejn u għoxrin (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar. Dan il-fond għandu l-ġnien u l-garaxxijiet annessi. Skont u a tenur tal-artiklu 495A tal-Kap. 16, skont ix-xewqa tal-akbar għadd ta' komproprjetarji, għall-prezz u kundizzjonijiet pattwiti fil-konvenju ffirmat u rreġistrat kif hawn fuq ingħad, fil-ħin, jum u lok li din il-Qorti Onorabbli jogħġobha tordna u tiffissa, liema data preferibillment għandha tkun entro t-terminu imsemmi fl-istess konvenju u ċoè qabel l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu, 2027;

3. Taħtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-att finali ta' trasferiment ossija bejgħ f'isem min mill-kopropjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar pubbliku fuq imsemmi għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment u tordna li mir-rikavat mil-prezz dovut lilhom fuq il-kuntratt jitnaqqsu l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis li talvolta tkun neċessarja sabiex isir it-trasferiment ta' sehemhom, it-taxxi relattivi dovuti minnhom u l-ispejjeż kollha dovuti inkluż dawk tal-kuraturi deputati stess u l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri;

4. Tagħti kull ordni u direttivi li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, kopropjetarji dissidenti.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 436/2025JPG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Novembru, 2026, fil-11.30 a.m.

13. That the value of the entire premises according to the market is fair;

14. That the sale of the property above mentioned is beneficial to every co-owner of the same property and none of the owners will be prejudiced by its sale;

15. That as the respondents do not want to adhere to the publication of the contract and thus do not have their consent and adherence to this sale, the applicants are together filing this application in terms of Article 495A of Cap. 16. Of the Laws of Malta.

Thus, the applicants respectfully pray this Honourable Court that saving all the necessary declarations and after the opportune provisions were given, this Honourable Court for the reasons above mentioned:

1. Declare that it is satisfied that the dissident co-owners shall not be seriously prejudiced by this sale;

2. Authorise the sale of the property above mentioned and as described in paragraphs 3 (ii) and 3 (iii) above including any share and interest that the same parties have in the premises collectively known with number twenty two (22), Triq l-Erba' Mwieżeb, St Paul's Bay. This premises has the garden and garages annexed. According to and in terms of Article 495A of Cap. 16, according to the wishes of the largest number of co-owners, for the price and conditions agreed in the preliminary agreement signed and registered as above mentioned, at the time, day and place that this Honourable Court deems fit to order and fix, which date should preferably be within the term mentioned in the same preliminary agreement and namely before twenty-four (24) March, 2027;

3. Appoint curators to appear on the final deed of transfer or rather sale in the name of whom the co-owners fail to appear before the notary public above mentioned for the publication of the contract of transfer and order that from the proceeds from the price due to them on the contract the expenses related to any contract of declaration causa mortis which may be necessary in order to effect the transfer of their share be deducted, the relative taxes due by them and all the expenses due including those of deputy curators themselves and the expenses related to these procedures;

4. Give any order and directives it deems fit and opportune in the circumstances.

With all costs against the respondents, the dissident co-owners.

The Sworn application number 436/2025JPG in the names mentioned above is postponed to the 19th November, 2026, at 11.30 a.m.

Notifika intimat: Kuraturi deputati

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Deputy curators

Registry of the Superior Courts, today 3rd November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2914

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Ġunju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 997/2024LC, fl-ismijiet: Joseph Baldacchino et vs Susan Buzza ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Joseph Baldacchino (394879M), Rosalie Muscat (437949M), Geltrude Falzon Fava (934251M) u Maryanne Cilia (234559M) vs Susan Buzza (216055M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Illi l-partijiet huma lkoll proprjetarji tal-porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka sitt mija u sebgħin metru kwadru (670 sq.m), illi hija konfinanti min-Nofsinhar ma' Triq Pietru Gagliardi, il-Gudja, mill-Punent ma' beni ta' Maryanne Cilia jew tas-suċċessuri tagħha fit-titlu u mil-Lvant ma' Triq William Baker, il-Gudja, jew irjieħ oħra verjuri;

Illi l-proprjetà in vendita kienet oriġinarjament ġiet assenjata b'att ta' qasma fl-atti tan-Nutar Dott. George Cassar tas-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sittin (1960) inkwantu għal nofs indiviż lil Giuseppe (Joseph) Schembri u inkwantu għal nofs indiviż lil oħtu Giovanna Baldacchino (mart Francesco Baldacchino);

Illi b'att ieħor fl-atti tan-Nutar George Cassar tal-istess ġurnata, ossija s-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sittin (1960), l-imsemmi Giuseppe (Joseph) Schembri biegħ in-nofs indiviż tiegħu lil oħtu Giovanna Baldacchino u żewġha Francesco Baldacchino;

Illi Francesco Baldacchino u martu Giovanna Baldacchino ntirtu mill-ħames uliedhom ossija l-kontendenti f'din il-kawża Joseph Baldacchino, Rosalie Muscat (nèe Baldacchino), Geltrude Falzon (nèe Baldacchino), Maryanne Cilia (nèe Baldacchino) u Susan Buzza (nèe Baldacchino). Kopja tal-arblu tar-razza huwa anness u mmarkat bħala Dok. JB1, illi qed jiġi wkoll ikkonfermat bil-ġurament;

Illi b'hekk, il-partijiet f'din il-kawża għandhom kwota ta' kwint indiviż (1/5) kull wieħed minn dan il-fond, b'dan illi r-rikorrenti għandhom bejniethom erba' sehemijiet minn ħamsa (4/5) minn din il-proprjetà;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th June, 2026, in the records of Sworn application number 997/2024LC, in the names: Joseph Baldacchino et vs Susan Buzza the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Joseph Baldacchino (394879M), Rosalie Muscat (437949M), Geltrude Falzon Fava (934251M) and Maryanne Cilia (234559M) vs Susan Buzza (216055M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 12th September, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

That the parties own the divided portion of land measuring about six hundred and seventy square metres (670 sq.m), which is bounded on the south by Triq Pietru Gagliardi, Gudja, on the west by property of Maryanne Cilia or her successors in title and on the east by Triq William Baker, Gudja, or other more precise boundaries;

That the property was originally assigned by a deed of partition in the records of Notary Dr George Cassar of the seventh (7) August of the year one thousand nine hundred sixty (1960) as for one half undivided to Giuseppe (Joseph) Schembri and as for one half undivided to his sister Giovanna Baldacchino (wife of Francesco Baldacchino);

That by means of another deed in the records of Notary George Cassar of the same day, that is the seventh (7) of August of the year one thousand nine hundred sixty (1960), the said Giuseppe (Joseph) Schembri sold his undivided half to his sister Giovanna Baldacchino and her husband Francesco Baldacchino;

That Francesco Baldacchino and his wife Giovanna Baldacchino were inherited from their five children or rather the parties in this cause Joseph Baldacchino, Rosalie Muscat (nèe Baldacchino), Geltrude Falzon (nèe Baldacchino), Maryanne Cilia (nèe Baldacchino) and Susan Buzza (nèe Baldacchino). A copy of the family tree is attached and marked as Doc. JB1, which is also being confirmed on oath;

That thus, the parties in this cause have a share of one fifth undivided (1/5) each of this premises, provided that the applicants have between them four shares out of five (4/5) of this property;

Illi l-esponenti ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-komproprjetarji l-oħra stante illi ilhom aktar minn tliet snin in komun bejniethom;

Illi permezz ta' konvenju ffirmat nhar id-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) redatt min-Nutar James Grech, li kopja tiegħu qegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. JB2, l-esponenti ppromettew illi jitrasferixxu l-proprjetà inkwistjoni skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm miftiehma, liema konvenju ġie debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi;

Illi l-intimata Susan Buzza, li għandha kwota ta' kwint (1/5) indiviż minn din il-proprjetà mhux qiegħda tagħti l-kunsens tagħha sabiex tinbiegħ il-proprjetà u għalhekk ma ffirmatx il-konvenju suċitat;

Illi dan il-konvenju huwa suġġett għall-kundizzjoni illi l-proprjetà tiġi trasferita fl-intier tagħha, u dan wara ordni ta' din l-Onorabbli Qorti mogħtija ai termini tal-Artikolu 495A tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti jemmnu li l-prezz mifthiem fil-konvenju ffirmat mir-rikorrenti, ossija l-prezz ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000) huwa wieħed ġust u skont il-valur tal-proprjetà fis-suq. Apparti hekk, ma hemm xejn fil-kundizzjonijiet tal-bejgħ mifthiema fil-konvenju illi jista' jikkawża preġudizzju lill-intimata;

Illi l-esponenti ilhom żmien jippruvaw jikkonvinċu lill-intimata sabiex tagħti l-kunsens tagħha għall-bejgħ tal-proprjetà iżda dan kien kollu għalxejn;

Illi għalhekk, ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ġjaladarba l-partijiet ilhom fi stat ta' komunjoni jew stat ta' indiviżjoni forzata għal aktar minn tliet snin u l-komproprjetarji naqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' din il-proprjetà, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta li l-komproprjetarja dissidenti mhix se tkun gravament preġudikat, jeħtieġ illi l-Qorti tawtorizza l-bejgħ skont ma jkunu jixtiequ l-aktar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju għandu;

Illi għaldaqstant l-esponenti ma fadlilhomx triq oħra għajr li jipproċedu b'din il-kawża;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tordna l-bejgħ tal-proprjetà ossija il-porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka sitt mija u sebgħin metru kwadru (670 sq.m), illi hija konfinanti minn nofsinhar ma' Triq Pietru Gagliardi, il- Gudja, mill-punent ma' beni ta' Maryanne Cilia jew tas-suċċessuri tagħha fit-titlu u mill-Ivant ma'

That the applicants do not want to remain in co-ownership with the other co-owners since they have been in common for more than three years;

That by means of a preliminary agreement signed on the ninth (9) of April of the year two thousand twenty four (2024) drawn up by Notary James Grech, a copy of which is being attached and marked Doc. JB2, the applicants promised to transfer the property in question according to the terms and conditions therein agreed, which preliminary agreement was duly registered with the Commissioner for Revenue;

That the respondent Susan Buzza, who has a quota of one fifth (1/5) undivided share of this property is not giving her consent to the sale of the property and thus did not sign the promise of sale agreement above mentioned;

That this preliminary agreement is subject to the condition that the property be transferred in its entirety, and this following an order of this Honourable Court given in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

That the applicants believe that the price agreed in the preliminary agreement signed by the applicants, that is the price of one million six hundred thousand euro (€1,600,000) is just and according to the value of the property in the market. Apart from this, there is nothing in the conditions of sale agreed in the preliminary agreement which could cause prejudice to the respondent;

That the interpellants have long tried to convince the respondent to give her consent for the sale of the property but this was all for nothing;

That thus, in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta, once the parties have been in a state of co-ownership or a state of forced partition for more than three years and the co-owners failed to agree on the sale of this property, if this Honourable Court is satisfied that the dissident co-owner will not be seriously prejudiced, it is necessary that the Court authorises the sale according to the wishes of the most numerous co-owners in the value of the shares that each co-owner has;

That thus the applicants have no alternative but to proceed with this cause;

Thus, for the reasons premised, the applicants humbly ask this Honourable Court saving any necessary and opportune declaration to:

1. Order the sale of the property or rather the divided portion of land measuring approximately six hundred and seventy square metres (670 sq.m), bounded on the south by Triq Pietru Gagliardi, Gudja, on the west by property of Maryanne Cilia or her successors in title and on the east

Triq William Baker, il-Gudja jew irjieħ oħra verjuri, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju tad-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), inkluż il- bejgħ tas-sehem indiviż tal-intimata;

2. Tappunta jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess att ta' bejgħ inkwistjoni skont il-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fil-konvenju tad-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024);

3. Tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata fuq l-att ta' trasferiment relattiv fl-eventwalità ta' kontumaċja tagħha;

4. Tawtorizza lin-Nutar James Grech u/jew lil kull Nutar ieħor li se jippubblika l-att sabiex jippreleva mill-prezz rikavat dovut lill-partijiet kull taxxa dovuta minnhom kemm fuq il-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż u drittijiet talvolta dovuti mill-vendituri inkonnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ inkluż id-drittijiet dovuti lill-kuraturi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata illi minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 997/2024LC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Novembru, 2026, fl-9.45 a.m.

Notifika Intimat: Susan Buzza (216055M), 1, Triq Santa Marija, Il-Gudja

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by Triq William Baker, Gudja or other precise boundaries, according to the terms and conditions stipulated in the preliminary agreement of ninth (9) of April of the year two thousand twenty-four (2024), including the sale of the undivided share of the respondent;

2. Appoint a day, time and place for the publication of the same deed of sale in question according to the terms and conditions agreed in the preliminary agreement of the 9th April of the year two thousand twenty-four (2024);

3. Appoint Deputy Curators to represent the respondent on the relative deed of transfer in the event of her default;

4. Authorise Notary James Grech and/or any other Notary who shall publish the deed to deduct from the price received due to the parties any tax due by them both on the sale, as well as the costs and fees due by the vendors in connection with the publication of the contract of sale including the fees due to the curators;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn application number 997/2024LC in the names mentioned above is postponed to 9th November, 2026, at 9.45 a.m.

Notification respondent: Susan Buzza (216055M), 1, Triq Santa Marija, Gudja

Registry of the Superior Courts, today 3rd November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2915

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ruth Rizzo vs Sonia Galea, Rikors numru 255/2025CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Sonia Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

3. That the undivided shares due to the applicant and the respondent in the property are those resulting from the prospectus attached and marked as document 'C', namely: (a) the siblings Caruana, children of the late Dr Joseph Caruana and Marguerite Caruana née Debono, who between them have eight out of fourteen (8/14) undivided share, that is one out of fourteen (1/14) undivided share each; (b) the basin Debono, children of the late Aldo Debono and Angela Debono née Cacciattolo, who between them have three out of forty two (3/42) undivided share, that is one out of forty two (1/42) undivided share each; (c) the brothers Debono, children of the late Thomas Debono and Maria Stella Debono née Caruana, who between them have four out of fourteen (4/14) undivided share, that is one out of fourteen (1/14) undivided share each; and (d) the brothers Chetcuti, children of the late Caroline Mary Chetcuti and of Joseph Francis Chetcuti, who between them have five out of seventy (5/70) undivided share, that is one out of seventy (1/70) undivided share each;

4. Illi għaldaqstant l-intimat Paul Caruana għandu sehem ta' wieħed minn erbatax (1/14) indiviż mill-proprjetà, filwaqt li r-rikorrenti flimkien jirrappreżentaw tlettax minn erbatax (13/14) indiviżi mill-istess proprjetà, ossija tnejn u disgħin virgola tmienja u sitta fil-mija (92.86%) tal-proprjetà, ferm iktar mill-maġġoranza meħtieġa mill-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi permezz ta' konvenju datat il-11 ta' April, 2024, reġistrat bin-numru PS202406451, ir-rikorrenti u l-intimat, bħala vendituri, wieġħdu li jbigħu, jitrasferixxu u jiċċedu l-proprjetà lis-soċjetà GEM Properties Limited (C104929) ta' 72, Triq Mattia Preti, Ir-Rabat, Għawdex, liema soċjetà obbligat ruħha li tixtri l-istess proprjetà, u dan għall-prezz globali ta' erba' miljuni u seba' mitt elf ewro (€4,700,000), kif jidher mid-Dokument 'D';

6. Illi l-validità tal-imsemmi konvenju ġiet estiża permezz ta' ħames ftehimiet ta' estensjoni, u ċoè (i) il-ftehim ta' estensjoni datat l-10 ta' Lulju, 2025, li permezz tiegħu l-validità tal-konvenju ġiet estiża sas-17 ta' Diċembru ,2025, anness u mmarkat bħala Dokument 'E'; (ii) il-ftehim ta' estensjoni datat is-17 ta' Diċembru, 2025, li permezz tiegħu l-istess validità ġiet estiża sas-27 ta' Marzu, 2026, anness u mmarkat bħala Dokument 'F'; (iii) il-ftehim ta' estensjoni datat is-27 ta' Marzu, 2026, li permezz tiegħu l-istess validità ġiet estiża sas-26 ta' Ġunju, 2026, anness u mmarkat bħala Dokument 'G'; (iv) il-ftehim ta' estensjoni datat it-23 ta' Ġunju, 2026, li permezz tiegħu l-istess validità ġiet estiża sas-17 ta' Lulju, 2026, anness u mmarkat bħala Dokument 'H'; u (v) il-ftehim ta' estensjoni datat l-14 ta' Lulju, 2026, li permezz tiegħu l-istess validità ġiet estiża sad-29 ta' Jannar, 2027, anness u mmarkat bħala Dokument 'I'; illi permezz tal-ftehim ta' estensjoni tal-10 ta' Lulju, 2025, il-partijiet qablu wkoll illi l-konvenju ma jibqax suġġett għal punt 2 tal-konvenju oriġinali, ossija għall-ħruġ ta' permess ta' żvilupp eżegwibbli, liema kundizzjoni tneħħiet kollha kemm hi bi ftehim bejn il-partijiet, u dan kif ikkonfermat ukoll fil-ftehimiet ta' estensjoni sussegwenti;

7. Illi permezz ta' ftehim ta' ċessjoni ta' drittijiet datat it-13 ta' Lulju, 2026, is-socjetà GEM Properties Limited (C104929) ċediet, ittrasferiet u assenjat lis-soċjetà Excel Developers Limited (C102957) ta' 72, Triq Mattia Preti, Ir-rabat, Għawdex, id-drittijiet u l-obbligi kollha tagħha emananti mill-imsemmi konvenju tal-11 ta' April, 2024, u dan a titolu gratuwitu u mingħajr ebda korrispettiv u taħt l-istess pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju, inkluż id-dazju provviżorju mħallas fuq l-istess konvenju, kif jidher mid-Dokument 'J'; illi għaldaqstant illum il-kumpratriċi proposta hija s-soċjetà Excel Developers Limited (C102957);

8. Illi permezz tal-imsemmi ftehim ta' estensjoni tal-14 ta' Lulju, 2026 (Dokument 'T') il-partijiet iddikjaraw ukoll illi fl-istess jum huma kienu ltaqgħu fil-fergħa tal-MeDirect

4. That thus the respondent Paul Caruana has a share of one out of fourteen (1/14) undivided share of the property, whilst the applicants together represent thirteen out of fourteen (13/14) undivided share of the same property, that is ninety two commas eight and six percent (92.86%) of the property, much more than the majority required by Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

5. By means of a preliminary agreement dated 11th April, 2024, registered with number PS202406451, the applicant and the respondent, as vendors, promised to sell, transfer and transfer the property to the company GEM properties Limited (C104929) of 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Gozo, which company bound itself to purchase the same property, for the global price of four million and seven hundred thousand euro (€4,700,000.), as it appears from document 'D';

6. That the validity of the said preliminary agreement was extended by means of five extension agreements, and namely (i) the extension agreement dated 10th July, 2025, by means of which the validity of the preliminary agreement was extended till 17th December, 2025, attached and marked as document 'E'; (ii) the extension agreement dated 17th December, 2025, by which the same validity was extended until 27th March, 2026, annexed and marked as document 'F'; (iii) the extension agreement dated 27th March, 2026, by which the same validity was extended until 26th June, 2026, annexed and marked as document 'G'; (iv) the extension agreement dated 23rd June, 2026, by which the same validity was extended until 17th July, 2026, annexed and marked as document 'H'; and (v) the extension agreement dated 14th July, 2026, by which the same validity was extended until 29th January, 2027, annexed and marked as document 'I'; that by means of the extension agreement of the 10th July, 2025, the parties also agreed that the preliminary agreement is no longer subject to point 2 of the original preliminary agreement, or rather to the issuing of an executable development permit, which condition was removed in its entirety by agreement between the parties, and this as confirmed also in the subsequent extension agreements;

7. That by means of an agreement of assignment of rights dated 13th July ,2026, the company GEM properties Limited (C104929) assigned, transferred and assigned to the company Excel Developers Limited (C102957) of 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Gozo, all its rights and obligations emanating from the said preliminary agreement of the 11th April, 2024, and this on a gratuitous title and without any consideration and under the same terms and conditions of the preliminary agreement, including the provisional duty paid on the same preliminary agreement, as appears from document 'J'; that thus today the proposed plaintiff is the company Excel Developers Limited (C102957);

8. That by means of the said agreement of extension of the 14th July, 2026 (document 'T') the parties also declared that on the same day they resided in the branch of MeDirect

Bank (Malta) plc f'Tigné Point, Tas-Sliema, sabiex isir il-bejgħ tal-proprjetà, iżda billi l-intimat Paul Caruana naqas milli jidher għall-bejgħ, l-istess bejgħ ma setax jitwettaq; illi bl-istess ftehim ir-rikorrenti kkonfermaw u rratifikaw il-ftehimiet preċedenti kollha u awtorizzaw espressament lill-kumpratriċi u/jew lis-sostituti tagħha sabiex jibdew u jmexxu f'isimhom proċeduri ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili sabiex jiġi mġiegħel il-bejgħ tas-sehem tal-intimat, hekk illi l-proprjetà tiġi akkwistata fl-intier tagħha;

Bank (Malta) plc in Tigné point, Tas-Sliema, in order that the sale of the property be made, but as the respondent Paul Caruana failed to appear for sale, the same sale could not be carried out; that by the same agreement the applicants confirmed and ratified all the previous agreements and expressly authorised the company and/or its substitutes to initiate and carry out on their behalf procedures in terms of Article 495A of the Civil Code in order to force the sale of the share of the respondent, so that the property is acquired in its entirety;

9. Illi l-prezz globali ta' erba' miljun u sebgħa mitt elf ewro (€4,700,000) huwa maqsum bejn il-vendituri kollha prorata tal-ishma indiviżi rispettivi tagħhom kif jidher mill-prospett Dokument 'C', u għaldaqstant is-sehem tal-intimat Paul Caruana ta' wieħed minn erbatax (1/14) indiviż jikkorrispondi għall-prezz ta' tliet mija u ħamsa u tletin elf, seba' mija u erbatax-il ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€335,714.29);

9. That the global price of four million and seven hundred thousand euro (€4,700,000) is divided between all the vendors pro rata of their respective undivided shares as shown in the prospect document 'C', and thus the share of the respondent Paul Caruana of one out of fourteen undivided (1/14) corresponds to the price of three hundred and thirty five thousand, seven hundred and fourteen euro and twenty nine cents (€335,714.29);

10. Illi l-vendituri kollha taw il-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ u ffirmaw kemm il-konvenju kif ukoll il-ftehimiet ta' estensjoni relattivi, bl-eċċezzjoni tal-intimat Paul Caruana, li naqas u/jew irrifjuta li jiffirma I-ftehimiet ta'estensjoni u li, kif intqal, naqas ukoll milli jidher għall-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ, hekk illi l-bejgħ tal-proprjetà fl-intier tagħha ma jistax jitwettaq u r-rikorrenti jinsabu mfixkla milli jiddisponu mill-ishma tagħhom stess;

10. That all the vendors gave their consent to this sale and signed both the preliminary agreement and the relative extension agreements, with the exception of the respondent Paul Caruana, who failed and/or refused to sign the extension agreements and who, as stated, also failed to appear for the publication of the deed of sale, thus the sale of the property in its entirety cannot be carried out and the applicants are hindered from disposing of their own shares;

11. Illi saret valutazzjoni tal-proprjetà mill-Perit Alex Bigeni, datata d-29 ta' Lulju, 2026, liema valutazzjoni tistma l-proprjetà fis-somma ta' erba' miljun, sitt mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€4,675,000), kif jidher mid-Dokument 'K';

11. That an evaluation of the property was carried out by Architect Alex Bigeni, dated 29th July, 2026, which valuation estimates the property at the sum of four million, six hundred and seventy five thousand euro (€4,675,000), as appears from document 'K';

12. Illi konsegwentement il-prezz pattwit ta' erba' miljun u sebgħa mitt elf ewro (€4,700,000) huwa saħansitra ogħla mill-valur stmat mill-perit, u għaldaqstant l-istess prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha proposti għal dan il-bejgħ huma ġusti u xierqa u għandhom japplikaw ukoll għall-kwota spettanti lill-intimat;

12. That consequently the agreed price of four million seven hundred thousand euro (€4,700,000) is even higher than the value estimated by the architect, and thus the same price and all the other conditions proposed for this sale are just and appropriate and should also apply to the quota due to the respondent;

13. Illi I-intimat, bħala kompropjetarju dissidenti, bl-ebda mod mhu se jiġi gravement ippreġudikat b'dan il-bejgħ, anzi se jirċievi għas-sehem tiegħu prezz ogħla mill-valur tas-suq kif stmat mill-perit ex parte, u dan bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet li għalihom qablu l-kompropjetarji l-oħra kollha;

13. That the respondent, as a dissident co-owner, will in no way be seriously prejudiced by this sale, rather he will receive for his share a price higher than the market value as estimated by the architect ex parte, and this on the same terms and conditions agreed by all the other co-owners;

14. Illi r-rikorrenti huma għaldaqstant intitolati jipproċedu ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. That the applicants are thus entitled to proceed in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Għaldaqstant, u in vista tas-su espost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Thus, and in view of the above, the applicants humbly ask that this Honourable Court:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti oħra lokali ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-prezz ta' erba' miljuni u seba' mitt elf ewro (€4,700,000) għall-proprjetà fl-intier tagħha, u ċoè tliet mija u ħamsa u tletin elf, seba' mija u erbatax-il ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€335,714.29) għas-sehem tal-intimat, kif ukoll il-pattijiet u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha proposti għat-trasferiment tal-proprjetà mertu ta' dan ir-rikors odjern, huma ġusti u xierqa, u illi l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-kwota spettanti lill-intimat mill-istess proprjetà;

3. Tiddikjara illi l-kompropjetarju konvenut dissidenti mhux se jkun gravement ippreġudikat b'dan il-bejgħ;

4. Tapprova l-bejgħ propost tal-proprjetà u tawtorizza dan l-istess bejgħ favur Excel Developers Limited (C102957) bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenju tal-11 ta' April, 2024, u fil-ftehimiet ta' estensjoni supra indikati, skont il-liġi, u dan salv kwalunkwe varjazzjoni ta' dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet oħra, inkluż dik fil-prezz, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

5. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ, li għandu jinkludi wkoll il-kwota spettanti lill-intimat, fil-ħin u fil-lok li jiġu ffissati, kif ukoll ta' kull att ieħor relattiv u/jew anċillari li jkun meħtieġ;

6. Taħtar lin-Nutar Dott. Kristen Dimech sabiex tippubblika l-att ta' bejgħ opportun u kull att ieħor relattiv u/jew anċillari, u dan bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess atti;

7. Tawtorizza lin-Nutar Dott. Kristen Dimech sabiex mir-rikavat tal-bejgħ jinqatgħu l-ispejjeż, taxxi u drittijiet talvolta dovuti mill-bejjiegħa inkonnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u ta' kull att ieħor relattiv u/jew anċillari, inkluż id-drittijiet dovuti lill-kuraturi deputati nominate; u

8.Tagħti kull ordni u direttiva ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuna.

Bl-ispejjeż li, tenut kont taċ-ċirkostanzi, għandhom jitħallsu mill-intimat.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 935/2026JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Novembru, 2026, fis-12.40 p.m.

Notifika: Intimat: Dott. Paul Caruana MD, PhD, Largo Olgiata 15, Isola 19, C 34, Int. Nru 06, Ruma 00123, L-Italja

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in other local newspapers in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Declare that the price of four million and seven hundred thousand euro (€4,700,000) for the property in its entirety, namely three hundred and thirty five thousand, seven hundred and fourteen euro and twenty nine cents (€335,714.29) for the share of the respondent, as well as all the other terms and conditions proposed for the transfer of the property merit of this present application, they are just and appropriate, and that the same price and conditions should apply to the share pertaining to the respondent from the same property;

3. Declare that the defendant dissident co-owner shall not be seriously prejudiced by this sale;

4. Approve the proposed sale of the property and authorise the same sale in favour of Excel Developers Limited (C102957) on all the other terms and conditions stipulated in the preliminary agreement of the 11th April, 2024, and in the above mentioned extension agreements, according to law, and this saving any variation of other provisions and conditions, including that in price, that this Honourable Court deems fit;

5. Order the publication of the deed of sale, which shall also include the share due to the respondent, at the time and place fixed, as well as any other relative and/or ancillary act that may be required;

6. Appoint Notary Dr Kristen Dimech to publish the deed of sale and any other relative and/or ancillary deed, and this with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on the same deeds;

7. Authorise Notary Dr Kristen Dimech so that from the proceeds of the sale there be deducted the expenses, taxes and fees due by the sellers in connection with the publication of the contract of sale and of any other relative and/or ancillary act, including the fees due to the nominated deputy curators; and

8. Give any further order and directive it deems fit and opportune.

With costs which, keeping in view the circumstances, are to be paid by the respondent.

The Sworn application number 935/2026JVC in the names mentioned above is postponed for hearing to the 11th November, 2026, fis-12.40 p.m.

Notify: respondent: Dr Paul Caruana MD, PhD, Largo Olgiata 15, Isola 19, C 34, Int. No. 06, Rome 00123, Italy

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2926

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Settembru, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 800/2025JVC, fl-ismijiet: Pier Luigi Di Pilato et vs IAS Limited et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Pier Luigi Di Pilato (11326A) et vs IAS Limited (C12202) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini l-Artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ċoè bid-dispensa tas-smigħ;

2. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, huma debituri tar-rikorrenti għas-somma ta' mitejn u sitt elef ewro (€206,000) oltre l-imgħax legali;

3. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lill-esponenti is-somma ta' mitejn u sitt elef ewro (€206,000) oltre l-imgħax legali;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 800/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Novembru, 2026, fl-9.45 a.m.

Notifika Intimat: IAS Limited (C12202), 11, Triq Ħal Sajd, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 4th September, 2026, in the records of Sworn application number 800/2025JVC, in the names: Pier Luigi di Pilato et vs IAS Limited et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Pier Luigi di Pilato (11326A) et vs IAS Limited (C12202) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 5th August, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Proceed to give judgement according to the demand of the applicants without proceeding to a hearing of the application in terms of Articles 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta and namely without proceeding to a hearing;

2. Declare that the respondents, or either of whom, are debtors of the applicant for the sum of two hundred and six thousand euro (€206,000) besides legal interest;

3. Condemn the respondents, or either of whom, to pay the applicants the sum of two hundred and six thousand euro (€206,000) besides legal interest;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 800/2025JVC in the names mentioned above is postponed to 12th November, 2026, at 9.45 a.m.

Notification respondent: IAS Limited (C12202), 11, Triq Ħal Sajd, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2927

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Ġunju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 491/2026AD, fl-ismijiet: Jurgen Gafà vs Michael Apap et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th June, 2026, in the records of Sworn application number 491/2026AD, in the names: Jurgen Gafà vs Michael Apap et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Jurgen Gafà (150779M) vs Michael Apap (4993G) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi, occorrendo bil-ħatra ta' periti ġudizzjarji, illi l-istanti mhux biss huwa proprjetarju tal-gallarijia jew terrazzin li jifforma parti mill-fond proprju tiegħu, iżda wkoll tiddikjara li huwa minn dejjem kien u għadu proprjetarju tal-arja vertikali li tissovrasta tali beni (i.e., gallarijia jew terrazzin);

2. Tiddeċiedi, occorrendo bil-ħatra ta' periti ġudizzjarji, illi l-parti konvenuta ma għandha l-ebda jedd li tiftaħ twieqi u/jew aperturi għal fuq l-imsemmija beni tal-attur u konsegwentement, tiddikjara illi bl-għemil tal-istess parti konvenuta ġiet unilateralment u illeċitament kostitwita u/jew aggravata servitù fuq il-proprjetà (jew parti minnha) tal-attur;

3. Tikkundanna u tordna illi l-parti konvenuta biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tneħħi kull servitù ġdid u/jew addizzjonali minnha stess maħluq bl-iżvilupp intrapriż, li ġiet taggrava fuq il-fond tal-attur u dan, jekk hemm bżonn, taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett għal hekk nominat, u bl-awtorizzazzjoni li taħt l-istess perit isiru x- xogħlijiet kollha meħtieġa u neċessarji, bi spejjeż esklussivament tal-parti konvenuta;

4. Tordna illi kemm-il darba l-parti konvenuta tonqos milli twettaq dak lilha ordnat u fiż-żmien lilha konċess, l-istess xogħlijiet jitwettqu mill-attur bi spejjeż esklussivi tal-parti konvenuta taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett għal hekk nominat;

5. Tiddikjara inoltre illi l-parti konvenuta hi responsabbli għad-danni materjali sofferti mill-attur fil-fond tiegħu konsegwenza tal-iżvilupp intrapriż mill-parti konvenuta u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur fl-ammont ta' €12,256.00c (jew somma oħra verjuri) u tikkundanna lill-parti konvenuta tħallas lill-attur dik is-somma riżarċitorja li tiġi hekk kwantifikata u likwidata, bl-imgħax legali ta' 8%;

6. Tagħti u takkorda dawk il-provvedimenti kollha opportuni skont ir-riżultanzi tal-każ a tenur tal-liġi (inter alia skont I-Art. 272 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex it-talbiet ta' hawn fuq jiġu onorati u ademputi.

Bl-ispejjeż, kontra l-parti konvenuta, inkluż tal-ittri uffiċjali ta1-24 ta' April, 2024 (n. 1968/2024) u ta1-20 ta' April, 2026 (n. 1841/2026), li hi minn issa inġunt għas-subizzjoni; b'riżerva għal kull azzjoni oħra li tikkompeti lill-istanti skont il-liġi, jew l-aventi kawża tiegħu, kontra l-parti konvenuta, jew l-aventi kawża tagħha.

By means of an application in the names: Jurgen Gafà (150779M) vs Michael Apap (4993G) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 13th May, 2026, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. Decide, if necessary by the appointment of judicial referees, that the applicant is not only the owner of the balcony or terrace forming part of his own premises, but also declare that he has always been and is still the owner of the vertical airspace overlying such property (i.e. balcony or terrace);

2. Decide, if necessary by the appointment of judicial experts, that the defendant party has no right to open windows and/or apertures on the said property of the plaintiff and consequently, declare that by the act of the same defendant party it was unilaterally and illicitly constituted and/or aggravated servitude on the property (or part thereof) of the plaintiff;

3. Condemn and order that the defendant party so that within a short and peremptory period to be fixed by this Honourable Court removes any new and/or additional servitude created by itself by the enterprise development, which was aggravated on the premises of the plaintiff and this, if necessary, under the direction of an architect for this appointed, and with the authorisation that under the same architect all the necessary and necessary works be carried out, at the expense exclusively of the defendant party;

4. Order that should the defendant party fail to carry out that ordered to it and within the time granted to it, the same works shall be carried out by the plaintiff at the exclusive expense of the defendant party under the supervision of an architect so appointed;

5. Declare furthermore that the defendant party is responsible for the material damages suffered by the plaintiff in his premises as a consequence of the development enterprise by the defendant party and consequently liquidate the damages suffered by the same plaintiff in the amount of €12,256.00 (or other correct sum) and condemn the defendant party to pay the plaintiff that sum of money which shall be so quantified and liquidated, with legal interest of 8%;

6. Give and grant all the opportune provisions according to the results of the case in terms of Law (inter alia according to Art. 272 of Cap. 12 of the Laws of Malta) so that the above demands be honoured and admitted.

With costs, against the defendant party, including the judicial letters of the 1-24th April, 2024 [n. 1968/2024] and of the 1-20th April, 2026 [n. 1841/2026], who is from now summoned so that a reference to his evidence be made; saving any other action which competes the applicants according to Law, or his successors in title, against the defendant party, or his successors in title.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 491/2026AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Novembru, 2026, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Sara Maria Said (20993G), 32A, Triq Ta' Said, In-Nadur, Għawdex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 491/2026AD in the names mentioned above is postponed to 12th November, 2026, at 9.10 a.m.

Notification respondent: Sara Maria Said (20993G), 32A, Triq Ta' Said, Nadur, Għawdex

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2928

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ottubru, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 606/2026JPG, fl-ismijiet Andrew H. Vaswani vs MeDirect Bank (Malta) plc et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Andrew H. Vaswani (166071M) vs MeDirect Bank (Malta) plc (C34125) et, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-17 ta' Ġunju, 2026, ir-rikorrent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrent għandu interess ġuridiku suffiċjenti u locus standi sabiex iressaq dawn il-proċeduri;

2. Tiddikjara li MeDirect Bank (Malta) plc kienet tokkupa l-kariga ta' Protector tat-Trust magħruf bħala PV Trust;

3. Tiddikjara li MeDirect Bank (Malta) plc kienet marbuta b'obbligi fiduċjarji, ta' bona fede u lealtà lejn il-benefiċjarji u lejn l-istruttura tat-Trust;

4. Tiddikjara li l-Bank intimat aġixxa f'konflitt ta' interess meta eżerċita simultanjament il-funzjonijiet tiegħu ta' Protector u dawk ta' kreditur u eżekutant;

5. Tiddikjara li Trident Trust Company (Malta) Limited ma aġixxietx fl-interessi tal-benefiċjarju tal-attur bħala benefiċjarju tal-PV Trust;

6. Tiddikjara li bil-mod kif il-konvenut Mark Busuttil aġixxa meta deher u ammetta t-talbiet ta' MeDirect Bank (Malta) plc, ma kienx fl-interessi tas-soċjetà Alison Investments Limited;

7. Tiddikjara li ġew kommessi atti ta' frodi, kollużjoni u abbuż tal-proċess ġudizzjarju fil-kisba tas-sentenza mogħtija fil-kawża MeDirect Bank (Malta) plc vs Alison Investments Limited, deċiża fis-17 ta' Ottubru, 2024;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th October, 2026, in the records of the Sworn application number 606/2026JPG, in the names Andrew H. Vaswani vs MeDirect Bank (Malta) plc et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Andrew H. Vaswani (166071M) vs MeDirect Bank (Malta) plc (C34125) et, filed in the Civil Court, First Hall, on the 17th June, 2026, the applicant respectfully prays this Honourable Court so that:

1. Declare that the applicant has a juridical interest in bringing proceedings and locus standi to bring the present proceedings;

2. Declare that MeDirect Bank (Malta) plc occupied the position of Trust Protector known as PV Trust;

3. Declare that MeDirect Bank (Malta) plc was bound by fiduciary, good faith and loyalty obligations towards the beneficiaries and towards the structure of the Trust;

4. Declare that the respondent Bank acted in a conflict of interest when it simultaneously exercised its functions of Protector and those of creditor and executor;

5. Declare that Trident Trust company (Malta) Limited did not act in the interests of the beneficiary of the plaintiff as beneficiary of the PV Trust;

6. Declare that in the manner that the defendant Mark Busuttil acted when he appeared and admitted the demands of MeDirect Bank (Malta) plc, it was not in the interests of the company Alison investments Limited;

7. Declare that acts of fraud, collusion and abuse of the judicial process were committed in the attainment of the judgement given in the cause MeDirect Bank (Malta) plc vs Alison investments Limited, decided on the 17th October, 2024;

8. Tiddikjara li l-imsemmija sentenza ma tistax validament isservi bħala bażi għall-proċeduri eżekuttivi sussegwenti;

9. Tiddikjara nulli, invalidi u mingħajr effett il-proċeduri eżekuttivi kollha meħuda fuq il bażi tal-imsemmija sentenza;

10. Tannulla u tħassar id-digriet li permezz tiegħu ġie ordnat il-bejgħ bis-subbasta tal-fondi immobbli tas-soċjetà Alison Investments Limited.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 606/2026JPG, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għall-11 ta' Novembru, 2026, fil-10.55 a.m.

Notifika: Mark Busuttil bħala Direttur ta' Alison Investments Ltd, Capri Services, Triq il-Papa Urbanus VIII, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8. Declare that that judgment cannot validly serve as the basis for the subsequent enforcement proceedings;

9. Declare null, invalid and without effect all the executive procedures taken on the basis of the said judgement;

10. Annul and cancel the decree by means of which the sale by auction of the immovable premises of the company Alison investments Limited was ordered.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 606/2026JPG, in the names above mentioned is deferred to the 11th November, 2026, at 10.55 a.m.

Notification: Mark Busuttil as Director of Alison investments Ltd, Capri Services, Triq il-Papa Urbanus VIII, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2929

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Settembru, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat 702/2026FDP, fl-ismijiet John Neville Vassallo vs Alexander Azzopardi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: John Neville Vassallo (KI 608653M) vs Alexander Azzopardi, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Lulju, 2026, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li xxolji, tirrixxendi l-ftehim konklużbejn il-partijiet rigward il-vettura 2-wheel, tal-Marka Honda datat is-sittax (16) ta' Settembru, elfejn u tlieta u għoxrin (2023), de quo;

2. Tikkundanna lill-intimat jirrestitwixxi l-vettura 2-wheel, tal-Marka Honda, depożitati miegħu mill-attur.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-Ittra Uffiċjali bin-numru tar-referenza 1000/2026, intavolata quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 702/2026FDP, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-12 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th September, 2026, in the records of the Sworn application 702/2026FDP, in the names John Neville Vassallo vs Alexander Azzopardi, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: John Neville Vassallo (KI 608653M) vs Alexander Azzopardi, filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th July, 2026, the applicant humbly prays this Honourable Court to:

1. Declare and decide to dissolve, rescind the agreement concluded between the parties regarding the vehicle 2-wheel, of the make Honda dated sixteenth (16) September, two thousand and twenty-three (2023), de quo;

2. Condemn the respondent to return the 2-wheel vehicle, of the make Honda, deposited with him by the plaintiff.

With costs, including those related to the Judicial letter with reference number 1000/2026 filed before this Honourable Court.

The Sworn application number 702/2026FDP, in the names above mentioned is deferred to the 12th November, 2026, at 9.30 a.m.

Notifika: Alexander Azzopardi, 42, Shannon, Trejqa tal-Fleur-De-Lys, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Alexander Azzopardi, 42, Shannon, Trejqa tal-Fleur-De-Lys, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2930

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Settembru, 2026, Rikors numru 817/2026, minn Maria Theresa sive Marthese Galea et, fejn insegwitu tar-rikors Pino Pace, armel, iben il-mejtin Carmelo Pace u Maria Pace née Zerafa, imwieled Paola, Malta, fis-26 ta' Ottubru, 1933, ta' 93, sena residenti Paola, Malta, u li għandu karta tal-identità numru 730433M ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Novembru, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 4 ta' Novembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th September, 2026, Application number 817/2026, by Maria Theresa sive Marthese Galea et, whereby following the application Pino Pace, widower, son of the late Carmelo Pace and Maria Pace née Zerafa, born in Paola, Malta, on the 26th October, 1933, aged 93, residing at Paola, Malta, and holding identity card number 730433M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 2nd November, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 4th November, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2931

B'digriet tal-5 ta' Ġunju, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Settembru, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-mezzanin bin-numru ħdax (11) u bl-isem Sunflower, mingħajr l-arja tiegħu, li jinsab fit-tieni sular (first floor level) sovrapost għal beni tal-Awtorità tad-Djar formanti parti minn blokk mingħajr numru, iżda immarkat bl-ittri 'BG G' fil-qasam tad-Djar tal-Gvern, Belt il-Ġmiel, l-Imtarfa, u jmiss il-blokk kollu min-Nofsinhar ma' triq pubblika qabel bla isem issa Triq in-Narċis, minn fejn il-blokk għandu aċċess u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventi kawża tiegħu waqt illi l-mezzanin huwa aċċessibbli min-naħa tan-Nofsinhar mill-imsemmija triq

By a decree given on the 5th June, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th September, 2026, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 15th December, 2026, at half past eleven in the morning (11:30am), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette numbered number eleven (11) and named Sunflower, without its airspace, situated on the first floor level, overlying property of the Housing Authority and forming part of the block without number, marked by letters 'BG G' in the Government Housing Estate, Belt il-Ġmiel, Mtarfa, as bounded the said block on the south by an unnamed public road previously without name and currently Triq in-Narċis, from which the said block is accessible, and on all other compass points by property of the Government of Malta or its successors in title, while the maisonette is

u jmiss mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Awtorità tad-Djar, liberu u frank bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tiegħu u li tinkludi wkoll id-daħla ta' taħt it-taraġ li tifforma parti integrali mill-mezzanin numru ħdax tal-kejl ta' tnejn punt ħamsa sitta metri kwadri (2.56mk) li tinsab fit-tieni sular tal-imsemmi blokk u tikkonfina mil-Lvant ma' beni ta' Emanuel Carabott jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-Awtorità tad-Djar jew l-aventi kawża tagħhom u stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

Sid il-mezzanin għandu jerfa' sehmu mill-manutenzjoni tal-partijiet komuni (ċoè 1/17 sehem) minbarra s-sistema ta' drenaġġ li qiegħda bin-nofs filwaqt illi l-bejt huwa komuni biss fis-sens illi s-sidien li mhumiex fl-aħħar sular għandhom biss aċċess biex jagħmlu aerial tat-televixin u tank tal-ilma u għall-manutenzjoni tagħhom. L-arja tibqa' ta' terzi.

U dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-31 ta' Ottubru, 1985, inkwantu l-mezzanin permezz ta' liema Emanuel Carabott kien akkwista l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà appartjenenti lil Emanuel Carabott u kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Sandra Farrugia tal-5 ta' Lulju, 1994, inkwantu d-daħla permezz ta' liema Emanuel Carabott flimkien mal-intimata Carabott, akkwistaw il-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carabott Glen (KI 357480M) u b'digriet datat 22 ta' Settembru, 2023, ġew maħturin bħala kuraturi deputati Dott. Leontine Calleja u PL Veronica Rossignaud sabiex jirrappreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Maria Assunta Carabott (KI 514641M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 25/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 4 ta' Novembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

accessible from the south from the said street and is bounded on all other compass points by property of the Housing Authority, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and including also the part underneath the staircase which forms an integral part of the maisonette number eleven, measuring two point five six square metre (2.56sqm) situated on the first floor level of the said block and is bounded east with property of Emanuel Carabott or his successors in title and from all other correct boundaries with property of the Housing Authority or its successors in title and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The owner of the maisonette is responsible for his share in the maintenance of the common parts (therefore 1/17 share) apart from the drainage system which is divided in half, while the roof is only in common in the sense that the owners that aren't at the last floor have only access to install a television aerial and water tank and for their maintenance. The airspace remains of third parties.

And this as better described in the acts of Notary Myriam Spiteri Debono dated 31st October, 1985 regarding the maisonette by which Emanuel Carabott had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott had inherited the half undivided share of this property belonging to Emanuel Carabott and as better described in the acts of Notary Sandra Farrugia dated 5th July, 1994, regarding the part underneath the staircase by which Emanuel Carabott together with the respondent Carabott, had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott has inherited the half undivided share of this property.

The said tenement is the property of Carabott Glen (ID 357480M) and by decree dated 22nd September, 2023, Dr Leontine Calleja and LP Veronica Rossignaud were nominated as deputy curators to represent the unknown heirs of the deceased Maria Assunta Carabott (ID 514641M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 25/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th November, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2932

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Ottubru, 2026 fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Frar, 2027, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd October, 2026, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 11th February, 2027 at half past eleven in the morning (11:30 a.m.), has been fixed for the

jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar bl-arja sovraposta mibnija fuq żewġ sulari bin-numru mija u tnejn u ħamsin (152) u l-garaxx semi basement aċċessibbli minn rampa formanti parti mill-istess dar bin-numru mija u erbgħa u ħamsin (154) fi Triq San Martin, Iż-Żurrieq, b'arja superfiċjali ta' ċirka mitejn u tnejn punt sebgħin metru kwadru (202.70m²), libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, konfinanti mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Joseph Cachia jew is-suċċessuri tiegħu fit-titlu u mill-Punent ma' prorprjetà tal-konjuġi Cachia jew is-suċċessuri tagħhom fit-titlu u dan kif deskritt aħjar fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat l-erbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (14.3.2002) stmat li jiswa seba' mitt elf ewro (€700,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Joshua Cachia (KI 519880M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 2/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 4 ta' Novembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Sale by Auction, to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house with its overlying airspace built on two floors numbered one hundred and fifty two (152) and the semi basement garage accessible from a ramp forming part of the same house numbered one hundred and fifty four (154) in Triq San Martin, Żurrieq, with approximately superfically area of two hundred and two point seventy meters square (202.70m²), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, bounded on the north by the said street, on the east by property of Joseph Cachia or his successors in title and on the west by property of the spouses Cachia or their successors in title and this as better described in the contract in the acts of Notary Mario Bugeja dated fourteenth of March of the year two thousand and two (14.03.2002) valued at seven hundred thousand euro (€700,000).

The said tenement is the property of Joshua Cachia (ID 519880M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 2/2021.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th November, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2933

ARB/C126/2026 – ORDNI TA' FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti Fis-22 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Franco Agius, LLD), Kumpilazzjoni Numru 943/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

GLEICIANE CAMILLERI xebba LINO DA SILVA, ta' 42 sena, bint Rita Lino Da Silva u missier mhux magħruf, imwielda fil-Brazil, fis-7 ta' Settembru, 1984, u residenti f'21, Valley House, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 319476A b'indirizz reġistrat 12, Triq il-Mixtla, Ħ'Attard.

U

EMANUEL CAMILLERI, ta' 56 sena, iben Joseph Camilleri u Emanuela Camilleri xebba Micallef, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fit-18 ta' Mejju, 1970, u residenti f'21,

ARB/C126/2026 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Franco Agius, LLD), with Compilation Number 934/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

GLEICIANE CAMILLERI née LINO DA SILVA, 42 years, daughter of Rita Lino Da Silva and an unknown father, born in Brazil, on the 7th Septmeber, 1984, and residing at 21 Valley House, Triq Burmarrad, St Paul's Bay' and holder of a Maltese identity card bearing number 319476A with registered address 12, Triq il-Mixtla, Ħ'Attard.

AND

EMANUEL CAMILLERI, 56 years, son of Joseph Camilleri and Emanuela Camilleri née Micallef, born in Tal-Pietà, Malta, on the 18th May, 1970, and residing at 21

